**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Mejju 2019

Rikors Numru: 193/17 AL

**A B C**

(K.I. 427089 M)

Vs

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Marie Claire Bartolo** b'digriet tat-23 t' Awwissu 2017 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti **D E** (K.I. 476215 L)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' A B C ipprezentat fil-21 t' Awwissu 2017 li permezz tiegħu ippremettiet:

1) Illi l-kontendenti zzewgu nhar s-7 ta' Jannar tas-sena 2012 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, F, li twieled nhar s-7 ta' Ottubru tas-sena 2008;

2) Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri nhar l-1 ta' Gunju 2016 **(**anness u mmarkat **Dokument A)**;

3) Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni gie stipulat is-segwenti:

   i) Clause 5: "The Parties agree that for the duration of her minority, the Minor Child shall remain subject to the joint care and custody of both Parties who shall jointly take all decisions regarding the welfare, education and health of the Minor Child. This notwithstanding, the Minor Child shall reside with the Mother who shall take all day-to-day decisions regarding the Minor Child."

   ii) Clause 7(i): "The Minor Child shall for the duration of her minority remain subject to the authority of both her parents, who shall jointly take all major decisions concerning the welfare, education and health of the said Minor Child. In the event of a dispute arising between the Parties regarding the said Minor Child, the issue shall be determined by the Civil Court, Family Section. **Furthermore, in the event that either of the Parties is absent from the Island of Malta, or is otherwise incapable of fully discharging the obligations incumbent on that Party, the custody shall for the duration of such absence or incapacity be exercised by the other Party**" [enfazi tal-esponenti];

4) Illi l-esponenti minn dejjem kienet xettika illi taccetta illi l-kontendenti jkollhom kustodja kongunta izda minhabba l-incidenti domestici li kienu qeghdin jinqalaw god-dar matrimonjali fil-konfront taghha hi hasset illi din kien l-unika u l-ahjar soluzzjoni ghaliha u ghal bintha sabiex tahrab minn dan iz-zwieg abbuziv;

5) Illi minn meta gie iffirmat il-kuntratt surriferit, l-intimat abbanduna lil bintu ghal kollox, kemm moralment u kif ukoll finanzjarjament; huwa ma jezercitax access versu bintu, ma jhallasx manteniment, u ma jaghmilx kuntatt ma bintu;

6) Illi l-konvenut lanqas ma jaghmel kuntatt ma' l-esponenti u fil-fatt, ghal hafna zmien l-esponenti kienet taht l-impressjoni illi l-intimat, illi huwa ta' nazzjonalita' Torka, kien telaq minn Malta. Ricentement l-esponenti saret taf minghand terza persuna, G H, illi maghha l-konvenut kellu relazzjoni u tarbija, illi l-konvenut kien qieghed is-Serbja ma' mara li qeghda ggorr il-kunjom tieghu pero li ma tigix minnu u minn ritratti li l-esponenti ormai ghandha, jidher illi l-konvenut kellu tarbija ohra;

7) Illi l-esponenti ma tafx l-indirizz tal-intimat li sa qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni surriferit kien jghix fid-dar matrimonjali. Madanakollu l-intimat qatt ma ta l-indirizz tieghu lill-esponenti u jirrifjuta li jaghmel dan meta mitlub. In oltre hu naqas illi jemenda l-karta tal-identita' tieghu li ghalhekk ghadu jgib l-indirizz l-antik tieghu. Illi l-pulizija ma jafux l-indirizz tal-intimat lanqas minkejja illi huwa kellu kuntatt frekwenti maghhom;

8) Illi l-esponenti qeghda taffacja numru ta' problemi ghaliex il-missier assenti ghandu, flimkien mal-esponenti, l-kustodja tat-tifla minuri F. Ezempju ricenti huwa meta l-esponenti xtaqet issiefer ma binta. Hi marret sabiex tapplika ghall-passaport izda l-ufficju tal-passaporti insistew mal-esponenti illi kellha bzonn kopja tal-karta tal-identita' tal-intimat u dan minkejja d-dispozizzjonijiet tal-klawzola 7(i) succitata. L-esponenti akkwistat in-numru tal-mobile l-gdid tal-konvenut minghand terzi u kkuntatjat lill-konvenut u talbitu ghall-karta tal-identita'. Il-konvenut wiegeb illi huwa kien lest illi jtiha l-karta tal-identita' u l-kunsens tieghu ghas-safra jekk hi twaqqa l-kawza kriminali li hi ghamlet fil-konfront tal-intimat ghal hlas ta' manteniment. L-esponenti irrifjutat illi thalli lill-konvenut jirrikattaha b'dan il-mod u minflok fethet proceduri ta' medjazzjoni u intavolat rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti fejn hi talbet illi ssiefer flimkien mat-tifla minuri. Il-Qorti laqghet it-talba ghal hrug ta' passaport u ghas-safra rikjesta permezz ta' digriet tal-1 ta' Gunju 2017. Dan l-incident sehh qabel ma l-konvenut telaq lejn is-Serbja.

9) Illi l-esponenti ma tixtieqx illi tkompli tigi rikattata mill-konvenut u tiddependi minnu sabiex hi tkun tista taghmel dak illi huwa fl-ahjar interess ta' bintha l-minuri u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

10) Illi l-konvenut ma attendiex il-medjazzjoni u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Gunju 2017 (anness u mmarkat **Dokument B**).

Talbet li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

**i.** Tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri, F E, tigi fdata lill-attrici esklussivament;

**ii.** Tordna illi l-access tal-konvenut jitwaqqaf jew jigi ridott ghal mhux aktar minn darba fil-gimgha taht supervizzjoni;

**iii.** Tordna illi setgha tal-genituri fuq it-tifla minuri tigi ezercitata mill-attrici esklussivament b'dana illi d-decizzjonijiet kollha dwar is-sahha u edukazzjoni tat-tifla minuri ghandhom jittiehdu esklussivament mill-attrici.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati li permezz taghha esponew (fol. 56) :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat illi l-konvenut jinsab assenti minn Malta u li qiegħed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-Kuraturi Deputati maħtura għal dan l-iskop;

Rat illi minkejja li l-abbli kuratur ikkomunika mal-konvenut assenti fl-aħħar indirizz magħruf tiegħu hawn Malta[1], dana ma kkomunikax lura miegħu[2];

Rat l-affidavits tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti;

---

[1] Ittra mingħand il-kuraturi lil D E, iddatata it-23 ta' Novembru 2017, tinsab esebita fol. 60;
[2] Nota ippreżentata mill-Kuratur Dottor Simon Micallef Stafrace nhar is-27 ta' Frar 2019, fol. 146;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Greta Mifsud Agius u Dottor Abigail Critien;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet ossia il-minuri F E, imwielda fis-7 ta' Ottubru 2008 u rikonoxxuta mill-intimat. Hija titlob ukoll illi l-aċċess tal-konvenut jitwaqqaf jew jiġi ridott kif ukoll illi hija weħidha tkun tista' teżerċita s-setgħa ta' ġenitur fuq il-minuri inkluż li tieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

Rat illi l-partijiet li kienu żżewġu fis-7 ta' Jannar 2012, isseparaw minn xulxin bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri iddatat l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016).[3] Dan il-kuntratt jistabilixxi, senjalatament fil-klawżola 5, illi *"The parties agree that for the duration of her minority, the Minor Child shall remain subject to the joint care and custody of both Parties who shall jointly take all decisions regarding the welfare, education and health of the Minor Child. This notwithstanding, the Minor Child shall reside with the Mother who shall take all day-to-day decisions regarding the Minor Child."*

Fil-klawżola 6, il-kuntratt jistabilixxi l-ġranet u l-ħinijiet tal-aċċess favur il-missier ossija l-konvenut assenti.

Fil-klawżola 7, imbagħad iżid illi *"Furthermore in the event that either of the Parties is absent from the Island of Malta, or is otherwise incapable of fully dischargung the obligations incumbent on that Party, the custody*

[3] Kopja legali tal-kuntratt tinsab esebita fol. 6;

*shall for the duration of such absence or incapacity be exercised by the other Party."*

PROVI MIĠJUBA

Permezz tal-affidavit tagħha[4], l-**attriċi** spjegat kif matul iż-żwieġ tagħha lill-konvenut, hija flimkien mal-minuri kienet spiss tgħaddi minn abbuż mentali billi dan kien dejjem jgħidilha li kulma tagħmel huwa ħażin, li lanqas il-familja u l-ħbieb tagħha ma kellhom grazzja magħha u li kienu jagħmlu kuntatt magħha biss meta jkollhom bżonn xi ħaġa minn għandha. Kien igerger kontinwament fuq Malta u l-Maltin. Qatt ma kien jipprovdi materjalment għall-familja għaliex rari kien jaħdem u dak li kien jaqla' kien jonfqu waħdu mingħajr ma jgħid lil martu. Kienet l-attriċi li tħallas is-self relatat mad-dar, il-miżati tal-iskola, ħruġ, petrol, gass u ħwejjeġ. Jekk titolbu xi ħaġa tal-flus jirrabja magħha għaliex kienet tonfoq kollox u jgħidilha li kien jeħtieġ titgħallem tfaddal.

Tispjega illi l-konvenut għandu wkoll hawn Malta, minn żwieġ preċedenti, iben li jismu I E u li għandu ħdax-il sena. Lil dan it-tifel, il-konvenut qatt ma rah wara li kien issepara minn ma' ommu. Min-naħa tagħha, l-attriċi kienet tipprova jikkonvinċieh jiltaqa' mat-tifel jew jikkuntattjah iżda hu qatt ma wera interess. Xi drabi anke ħallset il-manteniment hi dovut għal dan it-tifel b'sens ta' responsabilita` lejh. X'aktarx li l-konvenut preżentement għandu tarbija oħra minn sieħba ġdida tiegħu.

F'Diċembru 2015, l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali in vista li l-konvenut kien qed isir vjolenti fil-konfront tagħha. *"In the contract of separation I agreed to share custody of F with D not because I believed that he was a good father but rather because this was the only way that both my daughter and I could escape from his abuse. He knew that this was the most important issue of the separation to me so he imposed himself upon me by insisting that custody be shared."*

Minkejja dawn il-klawżoli, il-konvenut assenti qatt ma wera interess fil-minuri u minn Diċembru 2015 qatt ma eżerċita d-dritt tal-aċċess. Inoltre

[4] Fol. 71;

qatt ma ħallas ebda manteniment. Hija l-attriċi li tħallas għall-edukazzjoni, saħħa, ħwejjeġ u nutrizzjoni tagħha. Il-konvenut qatt ma jċempel lil minuri, forsi f'għeluq sninha jew fil-Milied. Il-minuri darba uriet ix-xewqa li tkellmu. Dan kien fi Frar 2016 u għalhekk ċemplitlu. Kien wiegħedha li sejjer imur jaraha iżda qatt ma tfaċċa. F ħadet għaliha u bdiet isemmih inqas u inqas. Tant illi issa m'għadhiex issemmih u m'għandha l-ebda xewqa li tarah.

Preżentement il-minuri tinsab stabbli u kuntenta. Hija tmur tajjeb mal-ħbieb u anke l-iskola, fejn tattendi l-iskola Primarja ta' Pembroke. Tattendi għal attivitajiet extra-kurrikulari bħal skawts u ġudo. L-attriċi taħdem b'mod fiss biex tkun tista' tgħajjex lill-minuri u tagħtiha kull sapport f'attivitajiet bħal dawn.

Tispjega li ttentat tibda dawn il-proċeduri meta ġiet mitluba il-kunsens tal-missier sabiex jinħareġ il-passaport tal-minuri. Iżżid li meta rnexxielha tagħmel kuntatt mal-missier, dan qalilha li biex jiffirmalha, kellha twaqqa' r-rapporti ta' kontrih dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment. Hija rrifjutat dan ir-rikatt u b'hekk talbet il-ħruġ tal-passaport bl-ordni tal-Qorti.

L-attriċi taħdem bħala HR Administrator ma' X X fejn hija għandha dħul tajjeb u potenzjal għat-tkabbir tal-karriera. Hija pjenament iddedikata għat-trobbija u s-suċċess ta' bintha.

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2019[5], l-attriċi ddikjarat illi għadha ma tafx fejn qiegħed jirrisjedi l-intimat iżda li semgħet mill-ewwel mara tiegħu li m'għadux jgħix hawn Malta; L-aħħar kuntatt li għamlet miegħu kien f'April 2016;

Xehdet ukoll **G H**[6], li wkoll kienet miżżewġa lill-konvenut assenti bejn is-snin 2005 u 2007, u li minnu għandha tifel li preżentement għandu ċirka tnax-il sena. Hija sseparat mill-konvenut għaliex kien jabbuża kemm mentalment *"I was always pressured to do what is best for his liking"* u wkoll fiżikament *"I was threatened with a Swiss knife over a cliff in Xgħajra"*. Fiż-żwieġ hija kienet dejjem kostretta li taħdem bex tmantni lil

[5] Miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien, fol. 132;
[6] Affidavit ta' G H esebit fol. 75;

żewġha li kien diżokkupat. Wara s-separazzjoni, il-konvenut qatt ma wera interess f'binhom u qatt ma għamel sforz biex jiltaqa' miegħu.

Xehdet ukoll **J K**, ħabiba tal-attriċi, illi kkonfermat l-impenn li għandha l-attriċi għat-trobbija ta' bintha. *"I have always known A to be a responsible and strong character. Not once during all this time did she waver with her responsibilities as an adult or as a mother. Her bills were always paid on time, her daughter was always well clothed and she paid close attention to her every need – from helping out with homework and projects, to taking her out and letting her socialise with children her own age.... A has always been the sole care-provider for F and will always be there for her daughter. She has been the only constant in F's life all throughout every ordeal".* Dwar il-konvenut hija tixhed li dan kien regolarment *"filling her (F) with empty promises to spend time with her while repeatedly letting her down."* Anki matul iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi, huwa kien jagħżel li ma jattendix attivitajiet soċjali mal-familja tiegħu, u fil-ftit okkażjonijiet meta kien jattendi, ma kien jagħmel l-ebda sforz biex jintegra ruħu.

Xehdu wkoll f'dan is-sens li kkorraboraw lill-attriċi u lix-xhieda l-oħra **L M**[7], ħabiba tal-attriċi, **N O C**[8] kuġina tal-attriċi u **P B C**[9], omm l-attriċi.

Xehdet ukoll **Q R**[10], rappreżentanta tal-iskola Santa Clara Pembroke, illi kkonfermat li m'hemm l-ebda problema dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u lanqas dwar l-imġieba tagħha.

Xehed ukoll **PC1592 Daniel Busuttil**[11] illi esebixxa ħames rapporti illi l-attriċi għamlet fil-konfront tal-konvenut:

- Rapport iddatat it-3 ta' Diċembru 2015 dwar argument bejn il-partijiet li wassal sabiex l-attriċi titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedi flimkien mal-minuri temporanjament mal-ġenituri tagħha;

---

[7] Affidavit fol. 79;
[8] Affidavit fol. 81;
[9] Affidavit fol. 83;
[10] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Greta Mifsud Agius nhar l-10 ta' Mejju 2018, fol. 88;
[11] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Greta Mifsud Agius nhar it-13 ta' Ġunju 2018, fol. 103 et seq. ;

- Rapport iddatat l-24 ta' Jannar 2016 dwar argument li kien qiegħed iseħħ bejn il-partijiet fid-dar tal-attriċi, fejn ġie attakkat ukoll missier l-attriċi S B; iż-żewġ partijiet sofrew feriti ħfief.
- Rapport iddatat it-22 ta' Ġunju 2016, talli f'Ġunju 2016 ma ħallasx il-manteniment dovut għall-minuri F u wkoll li minn Diċembru 2015 qatt ma għamel aċċess ma' bintu; Aġġornat sabiex jinkludi wkoll ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2016;
- Rapport iddatat id-19 ta' April 2017, talli minn Ġunju 2016 sa Marzu 2017 naqas milli jħallas il-manteniment dovut għall-minuri F.
- Rapport iddatat l-24 ta' April 2017, talli heddidha bit-telefon biex tgħid lill-Pulizija li l-manteniment kien imħallas, u jakk tagħmel dan, kien dispost jiffirma għall-ħruġ tal-Passaport tat-tifla;

PRINĊIPJI LEGALI

Illi din il-kawża tqanqal diversi prinċipji legali għall-analiżi ta' din il-Qorti.

L-ewwel minnhom huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* għall-każ odjern. Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[12] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

[12] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

- Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino [13] u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe[14] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

Illi minkejja li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet għandu forza ta' liġi u ma jinbidilx daqstant faċilment, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi bħal din odjerna, fejn parti tħoss li l-parti l-oħra qiegħda tonqos fl-obbligi tagħha tal-kura tal-ulied.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 56A tal-Kodiċi Ċivili[15] tagħna, illi jistipula:

> ***56A.*** *Il-qorti tista', għal raġunijiet gravi, f'kull żmien f'kawża ta' firda, jew meta l-partijiet ikunu mifrudin, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tieħu l-kustodja tal-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti.*

Illi għalhekk jirriżulta, illi bis-saħħa tal-artikolu preċitat, teżisti raġuni magħrufa fil-liġi għall-varjazzjoni ta' klawżola kuntrattwali li tirregola l-kura u l-kustodja tal-ulied u din ir-raġuni hi "*meta l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet*."

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

---

[13] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;
[14] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;
[15] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[16] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[17], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [18] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[19] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-*

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;
[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;
[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

*minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[20]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

M'hemm l-ebda dubju illi l-minuri F titrabba unikament minn ommha l-attriċi. Anke meta l-partijiet kienu għadhom miżżewġin, il-konvenut ftit li xejn kellu interess li jkun parteċipi fil-ħajja ta' bintu u kien jippreferi jqatta' l-ħin ma' ħbiebu milli ma' martu u bintu. Rarament kien jitfaċċa fl-attivitajiet tal-minuri u dan għad-diżappunt kbir tagħha. Materjalment l-omm dejjem ħasbet għal bintha u taħdem u tistinka biex bintha ma jkun jonqosha xejn u tkun bħal tfal oħra. Issegwi l-edukazzjoni tagħha b'mod ħolistiku anke b'attivitajiet extra-kurrikulari. Il-missier minn Diċembru 2015 sal-preżenti u cioe fi żmien tliet snin u nofs qatt ma eżerċita l-aċċess versu bintu.

Kjarament huwa m'għandu l-ebda interess fiha u lanqas iżomm kuntatt magħha bit-telefon. Huwa daqstant'ieħor ċar illi l-insistenza tiegħu sabiex il-kura u l-kustodja ta' F tkun konġunta bejnu u l-attriċi, kienet sempliċiment attentat ieħor biex jibqa' jagħmel pussess fuq l-attriċi u jkompli jirrendilha ħajjitha miżerja. Żgur ma kienx motivat minn imħabba lejn bintu, għax trattaha bħalma tratta lil ibnu l-ieħor l qabilha, billi abbandunahom kompletament u ma ħasibx għall-bżonnijiet tagħhom. **Konsegwentemnt il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tiddikjara illi l-konvenut mhux tajjeb biex ikollu l-kustodja tal-minuri F.**

M'hemm l-ebda dubju illi hija l-attriċi li unikament għandha l-ġid ta' bintha għal qalbha. Il-Qorti tikkunsidra illi r-responsabilita` għall-għixien u t-trobbija tal-minuri dejjem waqgħu fuq l-omm, anke tenut kont illi l-konvenut mhux dejjem kien jaħdem u kien jibgħat il-flus it-Turkija, iktar milli jmantni lill-familja tiegħu hawn Malta. Huwa wera ruħu distakkat mit-tifla u ma kienx hemm ir-rapport mistenni bejn missier u bint.

Għalhekk jirriżulta li l-konvenut la qatt kellu u lanqas għandu interess fil-minuri u konsegwentement il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' t-

[20] Frances Farrugia vs. Duncan B, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

talba tal-attriċi li l-kura u l-kustodja tal-minuri F tkun unikament u esklussivament afdata lilha.

Fi kwalunkwe każ, fil-każ odjern, b'differenza minn kawżi oħrajn, il-partijiet kienu ftiehmu *a priori*, illi fl-eventwalita` li xi ħadd minnhom ma jkunx Malta, allura huwa għandu jkun esklużż mis-setgħa tal-ġenitur u dana bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-kuntratt tas-separazzjoni personali ġja ċċitat. **B'hekk jirriżulta, illi mat-tluq tiegħu minn Malta, il-konvenut taċitament kien qiegħed jaċċetta għat-teħid tas-setgħa tiegħu ta' ġenitur fuq il-minuri F.**

Inoltré fiċ-ċirkostanzi, fejn il-konvenut mhuwiex hawn Malta, u li m'għandu l-ebda interess fil-minuri, m'hemmx lok illi għandu jkun hemm aċċess versu il-missier.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt illi tiddikjara illi l-konvenut mhux tajjeb biex ikollu l-kustodja tal-minuri F, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. **tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri F E, imwielda fis-7 ta' Ottubru tas-sena 2008, qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommha ir-rikorrenti A B C**, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

2. tordna illi l-aċċess tal-konvenut jitwaqqaf;

3. tordna illi s-setgħa tal-ġenituri fuq it-tifla F tiġi eżerċitata mill-attriċi esklussivament b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha dwar is-saħħa u l-

edukazzjoni tat-tifla minuri għandhom jittieħdu esklussivament mill-attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut assenti, b'dana illi l-attriċi għandha provvizorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.